MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2027/2004

**Anthony Farrugia Company Limited**

**Vs**

**Joanne Baldacchino**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u hames liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm205.51c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija varja mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.

Illi nonostante li giet interpellata permezz ta' Ittri Legali datati 30 ta' Novembru, 2002 u 13 ta' Frar, 2003 din baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-Ittri Legali hawn fuq imsemmija u bl-imghax legali mid-data ta’ l-Ittra Legali tat-30 ta’ Novembru, 2002 sal-pagament effettiv kif ukoll bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-5 ta’ Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------